



Grupp ta' Ħidma tal-ICCR dwar il-Preservazzjoni tal-Prodotti Kożmetiċi

Mistoqsijiet Ġenerali u Tekniċi Frekwenti (FAQs) dwar il-Preservattivi fil-Kożmetiċi

Skop u Sfond

Il-Kooperazzjoni Internazzjonali dwar ir-Regolamentazzjoni tal-Kożmetiċi (ICCR) organizzat it-tmien laqgħa annwali tagħha (ICCR-8) bejn it-8 u l-10 ta' Lulju 2014 f'Ottawa, il-Kanada¹.

F'din il-laqgħa, il-parteċipanti osservaw li kien hemm nuqqas ta' għarfien ġenerali dwar ir-rwol importanti li għandhom il-preservattivi fil-prodotti kożmetiċi kif ukoll l-impatt potenzjali fuq is-saħħa pubblika li kieku dawn ma jkunux preżenti. Għarfien ġenerand is-suġġett kien ta' interess u ta' importanza kbira kemm għar-regolaturi kif ukoll għall-industrija, u li dan għandu jiġi indirizzat mill-ICCR. Għaldaqstant, kien miftiehem li jiżded punt ta' ħidma ġdid dwar din il-kwistjoni u li jitfejjja rapport tal-ICCR dwar ir-rwol u l-importanza tal-preservattivi għas-settur globali tal-kożmetiċi.

Il-Grupp ta' Ħidma qabel li l-aktar mod effettiv biex jitqajjem għarfien u biex il-partijiet interessati jiġu infurmati dwar l-użu tal-preservattivi fil-kożmetiċi ikun permezz tal-iżvilupp ta' Mistoqsijiet Frekwenti (FAQs) li jkunu disponibbli fuq is-sit web tal-ICCR.

Dan id-dokument iforni metodu aċċessibbli u li jinftiehem għas-suġġetti ewlenin li jikkonċernaw il-preservazzjoni tal-prodotti, il-ħtieġa għall-preservattivi fil-kożmetiċi, kif ukoll il-mod ta' azzjoni tagħhom.

Dan id-dokument huwa organizzat bħala approċċ b'FAQs, li għandu fil-mira tiegħu żewġ udjenzi differenti. L-ewwel sett ta' mistoqsijiet huwa mmirat lejn il-konsumaturi, filwaqt li t-tieni sett huwa maħsub għal udjenza aktar teknika, jew konsumatur li jkun qiegħed ifittex aktar informazzjoni.

Il-format tal-FAQs jiffaċilita d-disseminazzjoni ta' informazzjoni utli għall-pubbliku ġenerali. L-awtoritajiet regolatorji u l-assoċjazzjonijiet tal-industrija involuti fl-iżvilupp ta' dan id-dokument jistgħu jittraduċuh, jekk ikun meħtieġ, u jaqsmu l-informazzjoni fuq il-siti web jew il-pubblikazzjonijiet rispettivi tagħhom.

¹ Diskussjoni aktar komprensiva dwar ir-riżultati minn din il-laqgħa u minn laqgħat oħrajn preċedenti tinstab fuq is-sit web tal-ICCR: <http://www.iccrnet.org/chairmanships/>.

Mistoqsijiet Frekwenti (FAQs) dwar il-Preservattivi fil-Kosmetiċi

Responsabbiltajiet

Il-FAQs tnejew mill-membri li ġejjin tal-Grupp ta' Fidma Konġunt dwar il-Preservazzjoni tal-Prodotti Kożmetiċi tal-ICCR:

REGOLATURI:

L-Unjoni Ewropea

Petra LEROY ČADOVÁ, L-Unità dwar it-Teknoloġija tas-Saħħa u l-Kożmetiċi, id-Direttorat Ġenerali għas-Suq Intern, l-Industrija, l-Intraprenditorija u l-SMEs (DĠ GROWTH), il-Kummissjoni Ewropea

Il-Brażil

Samuel GUERRA FILHO, L-Aġenzija għas-Sorveljanza tas-Saħħa Nazzjonali tal-Brażil (ANVISA)

L-Istati Uniti

John MISOCK, L-Amministrazzjoni tal-Ikel u l-Mediċini

Il-Kanada

Magdalena JURKIEWICZ, Health Canada

Il-Ġappun

Hiroshi TOKUNAGA, L-Aġenzija tal-Apparat Farmaċewtiku u Mediku (PMDA)

L-INDUSTRIJA:

L-Unjoni Ewropea

Karolina BRZUSKA, Cosmetics Europe

Peter UNGEHEUER, Il-Federazzjoni Ewropea għall-Ingredjenti Kożmetiċi (EFFCI)

Ian M. WATT, Dow

Il-Brażil

Pedro AMORES DA SILVA, L-Assoċjazzjoni Brażiljana tal-Industrija Kożmetika u l-Fwejjaħ (ABIHPEC)

L-Istati Uniti

Steven F. SCHNITTGER, ESTEE LAUDER COMPANIES

Il-Kanada

Beta MONTEMAYOR, L-Assoċjazzjoni Kanadiża tal-Kożmetiċi u l-Fwejjaħ (CCTFA)

Il-Ġappun

Masaki OKAWA, Shiseido Co., LTD.

Tetsuya KAMBE, L-Assoċjazzjoni tal-Industrija tal-Kożmetiċi tal-Ġappun (JCIA)

FAQs Ġenerali

1. X'inhuma l-preservattivi?

Il-preservattivi huma ingredjenti/sustanzi li għandhom il-kapaċità li jipprevjenu jew inaqqsu t-tkabbir mikrobiku fi prodott kożmetiku. Il-preservattivi jipproteġu l-prodotti mill-kontaminazzjoni tal-mikroorganiżmi, bħall-batterji u l-funġi², matul il-ħżin jew l-użu mill-konsumatur. Dawn jistgħu jgħallu l-ħajja tal-prodotti kożmetiċi.

2. Il-preservattivi għaliex huma meħtieġa fil-kożmetiċi?

Il-preservattivi huma preżenti fil-kożmetiċi biex inaqqsu r-riskju tal-kontaminazzjoni mikrobika tal-prodott u biex jiżguraw li l-prodott jibqa' adattat u sikur matul il-perjodu tal-ħajja tiegħu u l-perjodu tal-użu tiegħu mill-konsumaturi. Mingħajr l-użu tal-preservattivi, il-prodotti kożmetiċi – bħall-ikel u prodotti oħra li jintużaw direttament mill-konsumatur – jistgħu jiġu kkontaminati bil-mikroorganiżmi, u dan iwassal għal taħsir fil-prodott, għal telf fil-prestazzjoni tal-prodott, u possibbilment għal irritazzjonijiet, infezzjonijiet jew reazzjonijiet negattivi oħra għas-saħħa tal-konsumatur.

3. Il-preservattivi huma kollha l-istess?

L-ingredjenti preservattivi jvarjaw b'mod wiesa' u hekk ukoll il-kapaċità tagħhom li jippreservaw prodott kożmetiku. L-ingredjenti preservattivi jvarjaw skont il-firxa tal-mikroorganiżmi li huma kapaċi jikkontrollaw. Xi wħud jistgħu jkunu effikaċi kontra l-batterji u mhux kontra l-funġi, filwaqt li oħrajn jistgħu jkunu effettivi kontra l-funġi biss.

Xi ingredjenti preservattivi jistgħu jaħdmu b'mod effettiv f'ċerti tipi ta' prodotti kożmetiċi minħabba l-proprietajiet kimiċi tal-formulazzjoni. Pereżempju, ċerti preservattivi jistgħu jkunu effettivi biss f'formulazzjoni fejn il-pH tkun baxxa, filwaqt li ingredjenti preservattivi oħra jaħdmu f'firxa ta' pH wiesgħa. Għalhekk, tinħtieġ paletta wiesgħa ta' ingredjenti preservattivi sabiex jiġu sodisfatti l-bżonnijiet kollha tal-formulazzjoni tal-prodott.

4. Kif jiġi stabbilit li l-preservattivi użati fil-kożmetiċi jkunu sikuri?

Il-preservattivi għandhom jgħaddu minn valutazzjoni rigoruża, inklużi valutazzjonijiet tas-sikurezza u ttestjar tal-kwalità, qabel ma dawn jintużaw. L-awtoritajiet tal-gvern għandhom jirregolaw il-preservattivi sabiex jiżguraw is-sikurezza ta' dawn l-ingredjenti.³

Fi kwalunkwe sitwazzjoni, il-prodotti kożmetiċi mqiegħda fis-suq iridu jkunu sikuri għall-użu. Għalhekk, l-ingredjenti kollha, inklużi l-preservattivi, għandhom ikunu sikuri għall-konsumatur ukoll.

5. Il-manifatturi kif jidentifikaw u jagħżlu l-preservattivi użati fil-kożmetiċi?

Bosta fatturi jiġu kkunsidrati meta jintgħażlu l-preservattivi li għandhom jintużaw. Dawn l-għażliet jiġu ddettagliati mill-ingredjenti l-oħra tal-prodotti, il-prestazzjoni mixtieqa, l-imballaġġ tal-prodott, il-parti tal-ġisem fejn il-prodott għandu jiġi applikat, kif ukoll l-imġiba tal-konsumatur waqt l-użu. Il-preservattivi jeħtieġ li jkunu sikuri, kompatibbli mal-ingredjenti kollha, solubbli, u mifruxa sew biex jassiguraw l-aħjar preservazzjoni.

² Il-ħmira u l-moffa huma eżempji ta' funġi.

³ Jekk jogħġbok irreferi għall-Anness 1 għal aktar informazzjoni.

Mistoqsijiet Frekwenti (FAQs) dwar il-Preservattivi fil-Kosmetiċi

L-għan huwa li tintuża konċentrazzjoni minima sabiex tintlaħaq l-aħjar effikaċja filwaqt li tiġi evitata kwalunkwe kwistjoni ta' sikurezza marbuta ma' preservattiv partikolari.

Tipi ta' prodotti differenti, kif ukoll il-ħtiġijiet differenti tal-konsumaturi, jistgħu jeħtieġu l-użu ta' preservattivi differenti f'diversi livelli biex tiġi evitata l-kontaminazzjoni tal-prodott u biex tiġi żgurata s-sikurezza tal-konsumatur. Għall-għażla ta' sistema ta' preservattivi li taħdem tajjeb jinħtieġu l-esperjenza u l-għarfien tal-interazzjoni bejn il-preservattivi u l-ingredjenti l-oħra fil-formula. Il-formulazzjoni tal-prodott u l-użu ma'nsab tiegħu jinfluwenzaw it-tipi u l-konċentrazzjoni tal-preservattivi li jintużaw għal skopijiet ta' effikaċja.

6. X'inhom l-"paletta" ta' preservattivi kożmetiċi u għaliex huwa importanti li din ikollha firxa wiesgħa ta' ingredjenti preservattivi?

Il-paletta tal-preservattivi kożmetiċi tiddeskrivi l-firxa ta' ingredjenti disponibbli li jkunu kapaċi jikkontrollaw it-tkabbir tal-mikroorganiżmi fil-prodotti kożmetiċi. Tintneq paletta varjata ta' preservattivi disponibbli biex jiġi żgurat li t-tipi kollha tal-prodotti jkunu jistgħu jiġu protetti b'mod adegwat mill-kontaminazzjoni u biex tiġi żgurata s-sikurezza tal-konsumatur. Il-preservattivi differenti jaħdmu b'modi differenti, u għaldaqstant il-formulaturi tal-prodotti jeħtieġu aċċess għal firxa ta' għażliet ta' preservazzjoni biex tiġi żgurata sistema ta' preservattivi adegwata għal kull tip ta' prodott.

7. Il-prodotti kożmetiċi kif inhuma esposti għall-mikroorganiżmi?

Il-mikroorganiżmi jgħixu l-aħjar f'kundizzjonijiet fejn hemm l-umdità, is-sħana u d-dlam. Ħafna prodotti kożmetiċi huma bbażati fuq l-ilma u ġeneralment jinħażnu u jintużaw f'temperatura tal-kamra f'ambjenti domestiċi niedja u umdi (eż. fil-kamra tal-banju), u dan iżid il-possibbiltà tal-kontaminazzjoni. Barra minn hekk, il-mikroorganiżmi jistgħu jiġu introdotti wkoll fil-prodotti li jintużaw ripetutament mill-konsumaturi waqt l-applikazzjoni. Eżempju ta' dan hija l-krema tal-ġilda li tinbiegħ f'vażett wiesgħa u li tiġi applikata bil-ponot tas-swaba'.

8. Il-manifatturi kif jassiguraw li prodott jiġi ppreservat b'mod adegwat?

Il-preservattivi ilhom jintużaw b'mod sikur fil-prodotti kożmetiċi għal deċennji sħaħ. Hija r-responsabbiltà tal-manifatturi tal-prodotti li jiżguraw li l-preservattivi jkunu sikuri u effettivi għal dan l-użu.

Sabiex tiġi stabbilita l-effettività tas-sistema tal-preservazzjoni magħżula, huwa meħtieġ li jsiru testijiet f'kull fażi tal-iżvilupp tal-formulazzjoni tal-kożmetiċi, u mbagħad għal darb'oħra fuq il-prodotti lesti meta dawn ikunu fil-pakketti finali tagħhom. Dawn it-testijiet jassiguraw li l-prodott ikun jissodisfa r-rekwiżiti regolatorji biex tiġi żgurata s-sikurezza tal-konsumatur.

9. X'tipi ta' prodotti kożmetiċi jeħtieġ li jkollhom il-preservattivi?

Il-prodotti kożmetiċi b'kontenut għoli ta' ilma, bħalma huma l-kremi u l-lozjonijiet, il-maskara jew l-eye-liners likwidi jeħtieġ li jkun fihom il-preservattivi biex iżommuhom f'kundizzjoni tajba u sikuri għall-użu. Il-prodotti li jippreservaw lilhom infushom (jiġifieri l-batterji ma jistgħux jikbru fihom minħabba l-kompożizzjoni tagħhom) ma jeħtieġux preservattivi, sakemm ma jkunx hemm il-possibbiltà li l-użu tal-konsumatur jista' jirriżulta fit-tkabbir mikrobiku. Pereżempju, il-lipsticks jew il-prodotti tal-make-up li jintużaw ripetutament jistgħu jiffavorixxu t-tkabbir tal-moffa fuq wiċċ il-prodott jekk dawn ikunu fformulati mingħajr preservattiv għal kontra l-funġi.

Mistoqsijiet Frekwenti (FAQs) dwar il-Preservattivi fil-Kosmetiċi

10. Il-prodotti ttikkettati b'ħala "naturali" jew "organiċi" kif inhuma ppreservati?

Irrispettivament mid-dikjarazzjonijiet jew id-denominazzjonijiet speċifiċi tal-kummerċjalizzazzjoni, u minn kif prodott ikun ittikkettat, il-prodotti kożmetiċi kollha jeħtieġ li jiġu ppreservati u ttestjati b'mod xieraq. Dan huwa partikolarment importanti għall-prodotti li jkun fihom l-ilma (jew "aqua") inkluż fuq it-tikketta tal-prodott, peress li l-mikroorganiżmi jgħixu l-aħjar f'kundizzjonijiet umdi.

Il-prodotti kożmetiċi "naturali" jew "organiċi" mhumiex differenti u għandu jsirillhom l-istess livell ta' kontrolli sabiex jiġi żgurat li dawn jiġu ppreservati b'mod xieraq u li jkunu sikuri għall-konsumatur bħal kull prodott kożmetiku ieħor.

11. X'jiġri jekk il-prodotti kożmetiċi ma jkunx fihom ingredjenti preservattivi?

Mingħajr ingredjenti preservattivi, prodott kożmetiku kieku joħloq riskju għall-konsumatur, ikollu żmien tal-ħżin limitat ħafna u jitħassar malajr. Il-prodotti b'kontenut għoli ta' ilma jaf ikollhom jinbidlu fi żmien ġimgħa jew anke anqas. B'mod simili għall-prodotti tal-ikel li jitħassru, ir-refriġerazzjoni tista' ttawwal iż-żmien tal-ħżin tal-kożmetiċi mhux ippreservati. Madankollu, xorta waħda l-kwalità tal-prodott ma tkunx tista' tiġi ggarantita f'ħafna prodotti.

FAQs tekniċi

12. X'inhuma l-preservattivi?

Il-preservattivi huma ingredjenti/sustanzi li huma speċifikament magħżula għall-proprjetajiet tagħhom biex jipprevjenu l-mikroorganiżmi, bħal batterji jew moffa, milli jikkontaminaw prodott kożmetiku, matul il-ħżin u l-użu mill-konsumatur. Il-preservattivi jiżiedu mal-prodotti kożmetiċi u ma' diversi prodotti oħra tal-konsumatur, bħall-ikel, ix-xorb u l-farmaċewtiċi, biex jiġi evitat it-taħsir mit tkabbir mikrobiku jew minn bidliet kimiċi mhux mixtieqa.⁴

13. Il-preservattivi għaliex huma meħtieġa fil-kożmetiċi?

Il-batterji u l-fungi huma preżenti b'mod naturali fuq il-ġilda tagħna, fl-arja ta' madwarna, u anke fl-ikel u l-ilma li nieklu u nixorbu. Il-kożmetiċi fihom ċertu ammont ta' ilma, u ladarba jinfetħu, l-espożizzjoni ta' prodott għall-ossiġenu u l-varjazzjoni fit-temperaturi jistgħu jwasslu għal ambjent suxxettibbli għat-tkabbir tal-batterji jew tal-fungi, u dan jista' jżid il-probabbiltà li persuna tiżviluppalha xi infezzjoni. Din il-kontaminazzjoni mikrobika tista' tħassar il-prodotti billi tkisser l-ingredjenti, tiddegrada jew teqred il-proprjetajiet maħsuba tal-prodott, u tista' tirriżulta wkoll f'riskji għas-saħħa tal-konsumaturi. Għalhekk, il-prodotti li ma jkunux ippreservati sew jista' jkollhom żmien tal-ħżin iqsar, u jistgħu jpoġġu lill-konsumaturi fir-riskju.

14. Il-preservattivi użati fil-kożmetiċi kif jiġu stabbiliti b'ħala sikuri?

Id-determinazzjoni tas-sikurezza tal-preservattiv tibda mal-fornitur tal-preservattiv u din tiġi estiża matul l-iżvilupp u ċ-ċiklu tal-ħajja tal-prodott. L-għan huwa li l-preservattivi jintużaw f'livelli baxxi fejn il-livell attwali jkun limitat għal dak li huwa meħtieġ għall-preservazzjoni effettiva tal-prodott u l-użu sikur

⁴ Donald S. Orth, *Insights Into Cosmetic Microbiology*. 2010, Allured Business Media.

Mistoqsijiet Frekwenti (FAQs) dwar il-Preservattivi fil-Kosmetiċi

għall-konsumatur. L-awtoritajiet regolatorji isegwu mill-qrib ir-rapporti xjentifiċi u regolatorji internazzjonali biex jirrevedu b'mod regolari s-sikurezza tal-ingredjenti kożmetiċi.

15. X'inhil sistema preservattiva?

Sistema preservattiva tiddekrivi l-kombinazzjoni tal-karatteristiċi fiżiċi uniċi ta' prodott kożmetiku, l-imballaġġ tiegħu, u l-ingredjenti preservattivi użati fil-formulazzjonijiet kożmetiċi biex tiġi żgurata l-kwalità tal-prodott u s-sikurezza għall-konsumatur. L-attività tal-ilma⁵ u l-pH huma ż-żewġ attributi fiżiċi l-aktar importanti tal-kożmetiċi li jiffurmaw il-bażi tal-għażla tal-ingredjenti preservattivi kompatibbli. pH għolja ħafna jew baxxa ħafna jkollha t-tendenza li tipprojbixxi t-tkabbir mikrobiku, iżda ħafna drabi ma tkunx adattata għall-prodotti kożmetiċi u għall-benefiċċji mixtieqa tal-konsumatur. Il-prodotti kożmetiċi li jkunu fil-medda newtrali jfornu ambjent li huwa aktar suxxettibbli għas-sopravivenza u għat-tkabbir tal-mikroorganiżmi. L-attività tal-ilma taffettwa l-potenzjal għat-tkabbir mikrobiku. Fl-aħħar nett, il-mod li bih prodott jiġi ppakkjat jew maħsub li jintuża jaffettwa l-probabbiltà li prodott kożmetiku jiġi kkontaminat waqt l-użu mill-konsumatur. Pereżempju, vażett miftuħ tal-krema għall-wiċċ għandu potenzjal akbar li jiġi kkontaminat meta mqabbel ma' lozjoni li titferrex permezz ta' pompa. Dan huwa eżempju simplifikat tal-metodu li x-xjenzati jużaw biex ifasslu s-sistemi preservattivi.

16. Il-preservattivi użati fil-kożmetiċi kif jaħdmu?

L-ingredjenti preservattivi jiproteġu l-prodotti kożmetiċi billi jipprevjenu u jikkontrollaw it-tkabbir jew il-proliferazzjoni tal-mikroorganiżmi, bħall-batterji u l-fungi, li jistgħu jiġu introdotti matul il-ħajja ta' prodott waqt l-użu tiegħu mill-konsumatur. Dawn l-ingredjenti importanti huma maħsuba biex jimmiraw mikroorganiżmi differenti b'mod speċifiku u magħżul.

Il-preservattivi jaħdmu b'żewġ modi. L-ewwel mod huwa li joqtlu ċ-ċelloli veġetattivi li jkunu preżenti fil-prodott kożmetiku waqt il-manifattura. Normalment, dan iseħħ mill-forzi kimiċi li jkissru l-ħitan taċ-ċelluli jew jinterferixxu mal-mogħdijiet bijokimiċi. It-tieni mod huwa billi jwaqqfu jew inaqqsu t-tkabbir tal-mikroorganiżmi bil-ħolqien ta' ambjent li ma jippermettix lill-mikroorganiżmi jirriproduċu jew jiġġerminaw (fil-każ tal-ispori).

Fit-tnaqqis tat-tkabbir u l-proliferazzjoni tal-mikroorganiżmi, dawn l-ingredjenti għandhom rwol importanti biex ma jħallux il-prodott jitħassar u biex jiproteġu lill-konsumaturi minn effetti negattivi potenzjali għas-saħħa, bħalma huma l-infezzjonijiet fil-ġilda jew fl-għajnejn li jistgħu jirriżultaw mill-kontaminazzjoni tal-prodotti b'dawn il-mikroorganiżmi.

17. Il-prodotti kożmetiċi kif inhuma esposti għall-mikroorganiżmi?

Il-prodotti kożmetiċi jiġu esposti għall-mikroorganiżmi bi tliet modi ewlenin. L-ewwel nett, il-mikroorganiżmi mhux mixtieqa jistgħu jkunu preżenti f'xi materja prima. It-tieni nett, il-mikroorganiżmi mhux mixtieqa jistgħu jiġu introdotti waqt il-proċess tal-manifattura. It-tielet nett, il-konsumatur jista' jintroduċi l-mikroorganiżmi fil-prodotti kożmetiċi waqt l-użu. Għal dawn ir-raġunijiet, il-kontroll tal-materja prima, il-prattiki tajba tal-manifattura u d-disinn tal-imballaġġ kollha għandhom rwoli importanti fit-tfassil ta' sistemi tal-preservattivi kożmetiċi.

Il-mikroorganiżmi jeżistu kullimkien fl-ambjent u fuq il-ġisem tal-bniedem u jistgħu jiddaħħlu fi prodott fi kwalunkwe ħin matul iċ-ċiklu tal-ħajja tiegħu. Il-mikroorganiżmi jipproliferaw fuq prodott kożmetiku li ma jkunx ippreservat b'mod xieraq, u dan fl-aħħar iwassal sabiex jitħassar, biex jagħmel id-deni u biex ma jkunx jista' jintuża aktar. Ħafna prodotti kożmetiċi huma bbażati fuq l-ilma u ġeneralment jinħażnu f'temperatura tal-kamra u jintużaw f'ambjenti umdi u niedja (eż. fil-kamra tal-banju), mudlama, sħan, jew f'kundizzjonijiet fejn l-ilma jista' faċilment jiġi introdott fil-prodott. Barra minn hekk, ħafna prodotti

⁵ L-attività tal-ilma jew a_w hija l-pessjoni parzjali tal-fwar tal-ilma f'sustanza diviża bil-pessjoni parzjali tal-fwar fi stat standard tal-ilma. a_w tikkontrolla t-tkabbir mikrobiku u, għalhekk, malli a_w tiżdied, il-prodott isir aktar suxxettibbli għat-tkabbir tal-batterji.

Mistoqsijiet Frekwenti (FAQs) dwar il-Preservattivi fil-Kosmetiċi

kożmetiċi huma ddisinjati għal diversi użi jew għal użu ripetut, u, għalhekk, il-mikroorganiżmi jistgħu jiġu introdotti direttament fil-prodott waqt il-manipulazzjoni jew l-użu mill-konsumatur.

L-opportunitajiet għall-kontaminazzjoni mikrobika jvarjaw ħafna skont it-tip ta' prodott kożmetiku, skont l-użu maħsub, u skont id-disinn speċifiku tal-pakkett. Għalhekk, jiġu kkunsidrati numru ta' fatturi meta jiġi vvalutat u magħżul it-tip ta' ingredjenti preservattivi li se jrin ikunu meħtieġa sabiex tiġi żgurata b'mod adegwat is-sikurezza ta' kwalunkwe prodott partikolari.

Pereżempju:

Maskara: Għalkemm il-possibbiltà tal-kontaminazzjoni mikrobika tista' tkun relattivament żgħira, dawn il-prodotti jintużaw madwar partijiet sensitivi bħalma huma l-għajnejn.

Xampu u conditioner tax-xagħar: Hemm riskju akbar ta' kontaminazzjoni peress li l-ilma jista' jidħol fil-prodott waqt l-użu meta l-flixxun jinfetaħ fid-doċċa. Fliexken bil-pompa u disinji oħra ta' imballaġġ li ma jħallux l-ilma jidħol fil-flixxun inaqqsu r-riskju tal-kontaminazzjoni.

Krema tal-wiċċ f'vażett miftuħ: Il-konsumaturi jbillu subgħajhom fil-prodott kull darba li dan jintuża. Dan jirriżulta fl-introduzzjoni potenzjali tal-mikroorganiżmi fil-prodott f'kull applikazzjoni jew użu.

18. X'jiġri meta prodott ma jkunx ippreservat b'mod adegwat?

Jekk prodott ma jkunx ippreservat b'mod adegwat, jista' jibda jkollu dehra jew riħa differenti jew inkella jista' jissepara f'saffi differenti. Madankollu, wieħed xorta jista' ma jintebaħx bil-mikroorganiżmi preżenti fil-prodotti. Il-konsumatur jaf ma jkunx jista' jiddetermina jekk prodott huwiex ippreservat b'mod adegwat jew le. Il-manifatturi jivvalidaw l-effikaċja tas-sistemi preservattivi qabel il-kummerċjalizzazzjoni tal-prodott; jekk prodott ma jgħaddix minn dan it-test, dan ma jitqegħidx fis-suq.

19. Il-prodotti magħrufa bħala “naturali” jew “organiċi”, kif jiġu ppreservati?

Irrispettivament minn kwalunkwe dikjarazzjoni jew deżinjazzjoni tal-kummerċjalizzazzjoni u mill-ittikkettar tal-prodott bħala “naturali” jew “organiku”, il-manifatturi ta' prodotti għandhom iwettqu l-ittestjar meħtieġ biex jiżguraw li l-prodott ikun protett b'mod adegwat mill-kontaminazzjoni mikrobika.

Għal materja prima ta' oriġini naturali jew “organika”, japplikaw l-istess kunsiderazzjonijiet għall-materjali sintetiċi sabiex jiġi żgurat li l-prodott ikun sikur meta jintuża kif indikat.

Il-prodotti kożmetiċi kollha, minkejja d-dikjarazzjonijiet jew il-pożizzjoni tad-ditta tagħhom, huma meħtieġa li jgħaddu mill-istess livell ta' skrutinju u ta' valutazzjoni mill-manifatturi tal-prodotti sabiex jiżguraw li l-prodott ikun ippreservat b'mod adegwat.

20. X'jiġri jekk prodott kożmetiku ma jkunx fih preservattivi?

Mingħajr preservattivi, il-kożmetiċi jkollhom żmien tal-ħżin limitat ħafna, jifhassru malajr, jew tal-anqas, ikunu jridu jinħażnu fir-refriġeraturi jew jiġu ppakkjati f'applikazzjonijiet li jintużaw darba biss. L-installazzjoni tar-refriġeraturi fil-kmamar tal-banju u fid-doċċi, naturalment, mhijiex xi ħaġa prattika, u minn perspettiva tas-sostenibbiltà ambjentali, l-ammont ta' skart li jiġi ġġenerat bl-użu tal-ippakkjar li jintuża darba biss, ikun kbir ħafna. Barra minn hekk, il-kontaminazzjoni mikrobika potenzjali tal-kożmetiċi tista' twassal għal infezzjonijiet jew irritazzjonijiet tal-ġilda jew tal-għajnejn.

Mistoqsijiet Frekwenti (FAQs) dwar il-Preservattivi fil-Kosmetiċi

ANNEX – Dokumenti dwar il-Prodotti Kożmetiċi

L-Unjoni Ewropea:

http://ec.europa.eu/growth/sectors/cosmetics/legislation/index_mt.htm

Ir-Regolament tal-UE dwar il-Kożmetiċi (inkluż l-Anness V: Lista ta' preservattivi awtorizzati fil-prodotti kożmetiċi)

<http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:L:2009:342:0059:0209:mt:PDF>

Il-Brażil:

<http://portal.anvisa.gov.br/wps/wcm/connect/2222a4804fe2aa099430fcede77a031c/Resolu%C3%A7%C3%A3o+RDC+n%C2%BA+19+de+11+de+abril+de+2013.pdf?MOD=AJPERES>

<http://portal.anvisa.gov.br/wps/wcm/connect/2569e7004c58f11fb8e7f8dc39d59d3e/Resolu%C3%A7%C3%A3o+RDC+N%C2%BA+29%2C+de+1%C2%BA+de+junho+de++2012.pdf?MOD=AJPERES>

<http://portal.anvisa.gov.br/wps/wcm/connect/82f733004aee4c53b7cebfa337abae9d/Resolu%C3%A7%C3%A3o+RDC+n%C2%BA+481+de+27+de+setembro+de+1999.pdf?MOD=AJPERES>

<http://portal.anvisa.gov.br/wps/wcm/connect/523f6980486e9bb7bed8bf734e60b39c/RDC+N%C2%BA+15%2C+DE+24+DE+ABRIL+DE+2015.pdf?MOD=AJPERES>

Normi

<http://www.abntcatalogo.com.br/norma.aspx?ID=1198>

<http://www.abntcatalogo.com.br/norma.aspx?ID=1213>

<http://www.abntcatalogo.com.br/norma.aspx?ID=1164>

<http://www.abntcatalogo.com.br/norma.aspx?ID=1151>

<http://www.abntcatalogo.com.br/norma.aspx?ID=1156>

http://portal.anvisa.gov.br/wps/wcm/connect/92f15c004e219a73a96dbbc09d49251b/Guia_cosmeticos_grafica_final.pdf?MOD=AJPERES

<https://www.abihpec.org.br/en/2015/07/guia-de-microbiologia/>

<https://www.abihpec.org.br/en/2015/07/manual-higiene-e-limpeza/>

L-Istati Uniti:

<http://www.fda.gov/Food/FoodScienceResearch/LaboratoryMethods/ucm073598.htm>

<http://www.fda.gov/Cosmetics/GuidanceRegulation/default.htm>

Mistoqsijiet Frekwenti (FAQs) dwar il-Preservattivi fil-Kosmetiċi

<http://www.fda.gov/RegulatoryInformation/Legislation/FederalFoodDrugandCosmeticActFDCAct/FDCActChapterVICosmetics/default.htm>

<http://www.fda.gov/RegulatoryInformation/Legislation/ucm148722.htm>

<http://www.fda.gov/Cosmetics/GuidanceRegulation/LawsRegulations/ucm126613.htm>

Il-Kanada:

Il-Programm dwar is-Sikurezza tal-Prodott għall-Konsumatur - Kożmetiċi

<http://www.hc-sc.gc.ca/cps-spc/cosmet-person/index-eng.php>

L-Att dwar l-Ikel u l-Mediċini

<http://laws-lois.justice.gc.ca/eng/acts/F-27/page-5.html#h-7>

Regolamenti dwar il-Kożmetiċi

<http://laws-lois.justice.gc.ca/eng/regulations/C.R.C., c. 869/index.html>

Il-Ġappun:

L-Aġenzija għall-Apparat Farmaċewtiku u Mediku

<http://www.pmda.go.jp/english/>

Standards għall-Kożmetiċi

<http://www.mhlw.go.jp/file/06-Seisakujouhou-11120000-iyakushokuhinkyoku/0000032704.pdf>